Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 30/2016

**Luciano Callus (appellant)**

**Vs**

**Trelleborg Sealing Solutions Malta Limited (appellat)**

23 ta' April, 2018.

1. B'sentenza tal-21 ta' Ottubru, 2016 it-Tribunal Industrijali ddeċieda li r-rikorrent għandu jingħata lura l-impieg li kellu mal-kumpannija konvenuta wara li kkonkluda li kien tkeċċa nġustament u li l-intimata setgħet tikkunsidra miżuri oħra ta' dixxiplina u ordna li:
   *".... r-rikorrenti għandu jiġi mogħti l-impieg lura fi żmien ħmistax-il ġurnata mid-data ta' din id-deċiżjoni u l-perjodu kollu li ilu barra mill-impieg għandu jitqies sospensjoni bla ħlas bħala miżura ta' dixxiplina"*.

2. Il-każ jitratta dwar it-tkeċċija tar-rikorrent mix-xogħol wara li l-intimata kkonkludiet li fit-2 ta' Far, 2012 waqt li kien xogħol bejn l-10:00 ta' bil-lejl u s-sitta ta' filgħodu, iddikjara li għamel tnax-il (12) il-cycle iktar milli fil-fatt għamel.

3. Da parti tiegħu r-rikorrent isostni li dakinhar kien xogħol u kien tella' l-produzzjoni kollha li ntalbet minnu u fuq id-dokumenti tal-intimata niżżel in-numru ta' *cycles* li saru.

4. L-aggravji tar-rikorrent huma li t-Tribunal Industrijali:

   i. ma kellux jidħol fi kwistjonijiet ta' sanzjonijiet dixxiplinarji.
   ii. daħal fi kwistjonijiet ta' dixxiplina u ddeċieda x'kellha tkun is-sanzjoni li kellha tiġi mposta fuq ir-rikorrent (meta ddeċieda li ż-żmien li r-rikorrent ilu barra għandu jitqies bhala sospensjoni bla ħlas bħala mizura ta' dixxiplina) meta fil-verita', tali aspetti huma spettanti biss u esklussivament lill-prinċipal versu l-impjegat tiegħu u mhux spettanti lill-istess Tribunal Industrijali.
   iii. kien legalment skorrett meta ordna li l-attur jerġa' jiġi reintegrat f'xogholu iżda fl-istess ħin iddeċieda li l-istess attur m'għandu jingħata ebda ħlas ghaż-żmien kollu li għamel barra mix-xogħol bħala miżura ta' dixxiplina u dan għaliex tali deċizjoni hija kontradittorja għall-aħħar u ma tistax treġi. Fil-fatt, bl-istess deċizjoni, it-Tribunal Industrijali spiċċa

biex waqqa' l-effett legali u l-qawwa kollha ta' xi jfisser il-prinċipju ta' reintegrazzjoni fix-xogħol.

5. Fir-rikors tal-appell it-talba taqra:
*"Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-appellant umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fl-ismijiet premessi kwantu li ddikjarat li t-terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrent illum l-appellant kienet waħda inġusta fil-liġi u kwantu għall-ordni li l-esponent għandu jerġa jiġi mogħti lura l-impieg tiegħu fi żmien ħmistax (15)-il ġurnata mid-data tad-deċiżjoni iżda tħassar, tirrevoka u tikkanċella dik il-parti tal-istess sentenza appellata fejn ġie ddikjarat li l-perjodu kollu li ilu barra mill-impieg għandu jitqies bħala sospensjoni bla ħlas bħala miżura ta' dixxiplina u minflok tgħaddi sabiex tillikwida kumpens ġust għal tali terminazzjoni inġusta tal-impieg u tornda lill-istess soċjeta appellata tħallas tali kumpens likwidat fi żmien perentorju li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li jkun xieraq u opportune fiċ-ċirkostanzi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta appellata"*.

6. L-intimata ppreżentat tweġiba fejn tat ir-raġunijiet għalfejn l-appell għandu jiġi miċħud. Fl-istess waqt pproponiet appell inċidentali, fejn ilmentat li malli t-Tribunal wasal ghal konklużjoni li *'l-provi jindikaw li l-impjegat kien qed jirregistra cycles aktar milli effettivament kien qed jaghmel',* imissu waqaf hemm u ddecieda li allura jiskatta l-klawsola 18 (b) tal-Ftehim Kollettiv u allura tipprevali d-diskrezzjoni assoluta tal-*management* dwar x'mizura ta' kastig kellha tigi applikata.

7. Ir-rikorrent ppreżenta tweġiba fejn ta r-raġunijiet għalfejn l-appell għandu jkun miċħud.

8. Il-qorti semgħet it-trattazzjoni u qrat l-atti.

## **<u>Fatti.</u>**

L-intimata timmanifattura *o-ring seals*. Ir-rikorrent kien ilu jaħdem mas-soċjeta intimata sa mit-3 ta' Mejju 2010 u kellu l-kariga ta' *finishing operator* b'salarju ta' €18,651 (ara FS3 ghas-sena 2011). Jirriżulta wkoll li kien ħadem mal-istess kumpannija bejn l-1 ta' Ottubru, 2003 u l-5 ta' Frar, 2009. Fil-23 ta' Marzu, 2012 Louis Farrugia, Direttur tas-soċjeta intimata, ħa deċiżjoni li l-intimat kellu jitkeċċa mix-xogħol għaliex fit-2 ta' Frar, 2012 waqt il-ħin tax-xogħol mill-10:00 ta' bil-lejl sas-6:00 ta' filgħodu, kien hemm diskrepanza f'recorded *cycles* ta' magna partikolari li fuqha kien qiegħed jaħdem ir-rikorrent. Filwaqt li r-rikorrent kien iddikjara li ħadem tnejn u tletin (32) cycle, minn *data logger* li l-prinċipal waħħal mal-magna rriżulta li kienu saru tnax-il cycle inqas.

Fis-17 ta' April, 2012 ir-rikorrent ippreżenta r-rikors fit-Tribunal Industrijali fejn sostna li kien ġie mkeċċi nġustament u talab li jingħata rimedju. Fil-21 ta' Ottubru, 2016 it-Tribunal ta s-sentenza finali li biha ddeċieda li,

*"…. r-rikorrenti għandu jiġi* ***mogħti l-impieg lura*** *fi żmien ħmistax il-ġurnata mid-data ta' din id-deċiżjoni u l-perjodu kollu li ilu barra mill-impieg għandu jitqies sospensjoni bla ħlas bħala miżura ta' dixxiplina".*

**<u>Appell prinċipali.</u>**

9. L-ilment tar-rikorrent hu dwar ir-rimedju li ngħata mit-Tribunal Industrijali fis-sentenza tal-21 ta' Ottubru, 2016 għal dak li jirrigwarda l-ordni li l-perjodu li r-rikorrent ilu barra mix-xoghol, għandu jitqies bħala perjodu ta' sospensjoni bħala miżura ta' dixxiplina.

10. Fir-rikors promotur li ppreżenta fit-Tribunal Industrijali, ir-rikorrent talab:

    *"Għaldaqstant, in vista' ta' dak suespost, ir-rikorrent umilment jitlob lil dan it-Tribunal sabiex jiddikjara u jiddeċiedi li t-terminazzjoni tal-impieg tiegħu minn mas-soċjeta intimata kienet waħda nġusta u jogħġbu jagħti l-provvedimenti kollha opportuni f'dan ir-rigward ai termini tal-Artikolu 81 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta* ***inkluż li r-rikorrent jerġa jiġi reintegrat f'xogħlu u jitħallas kumpens ġust****".*

11. Fir-rikors tal-appell, l-appellant talab lil din il-qorti sabiex tikkonferma dik il-parti tad-deċiżjoni li ddikjarat li tkeċċa ngustament u l-ordni li jingħata lura l-impieg li kellu fi żmien ħmistax-il jum tax-xogħol, u *"… tħassar, tirrevoka u tikkanċella dik il-parti tal-istess sentenza appellata fejn ġie dikjarat li l-perjodu kollu li ilu barra mill-impieg għandu jitqies bħala sospensjoni bla ħlas bħala miżura ta' dixxiplina u minflok tgħaddi sabiex tillikwida kumpens ġust għal tali terminazzjoni nġusta tal-impieg u tordna lill-istess soċjeta appellata tħallas tali kumpens likwidat fi żmien perentorju li din l-Onroabbli Qorti jidhrilha li jkun xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta appellata".*

12. Hu fatt li l-liġi tipprovdi li fejn issir talba t-Tribunal jista' jordna li l-impjegat *'jerġa jidħol fl-impieg tiegħu'* u *'**<u>fejn jagħti l-kondizzjonijiet</u>** li taħthom jidhirlu xieraq li min jagħmel l-ilment għandu jerġa' jidħol fl-impieg tiegħu ….'* (artikolu 81(1) tal-Kap. 452).

13. F'nifs wieħed l-impjegat ingħata raġun li t-tkeċċija kienet inġusta u ngħata lura l-impieg li kellu, u f'nifs ieħor impona fuqu sospensjoni ta' iktar minn erba' snin. Hu evidenti li t-Tribunal impona sanzjoni fuq l-impjegat għan-nuqqas talli naqas milli, *'jirreġistra cycles aktar milli effettivament kien qed jagħmel'.* It-Tribunal ma spjegax x'wasslu biex jiddeċiedi miżura daqstant ħarxa, għalkemm jidher li kien tal-fehma li fit-tkeċċija kien hemm kontributorjeta tal-impjegat.

14. Wieħed jista' jargumenta li ġialadarba t-Tribunal wkoll f'każ ta' *reinstatement* ngħata l-poter li jimponi kondizzjonijiet, allura deċiżjoni bħal dik hi skont il-liġi. Pero' xorta hemm nuqqasijiet oħra.

15. Skont l-artikolu 81, meta ssir *"talba speċifika ta' min jagħmel l-ilment biex jerġa' jidħol fl-impieg tiegħu jew jerġa' jiġi impjegat mill-prinċipal"*, jekk it-Tribunal ikun jidhirlu *"… li jkun prattikabbli u skont l-ekwita' li min jagħmel l-ilment, jerġa' jidħol fl-impieg tiegħu jew jerġa jiġi mpjegat mill-prinċipal".* Mhemmx dubju li f'dan ir-rigward id-diskrezzjoni hi tat-Tribunal. Pero' bil-mod li ddeċieda t-Tribunal ġie li hu stess ta l-messaġġ li ma kkunsidrax kemm kien prattikabbli li l-impjegat jingħata lura l-impieg li kellu. Id-domanda li kellha tiġi ikkunsidrata u mwieġba mit-Tribunal hi: Hu prattikabbli li r-rikorrent jingħata lura l-impieg meta hu evidenti li t-Tribunal ikkonkluda li hemm element mhux żgħir ta' kontributorjeta' fit-tkeċċija? Dan apparti li l-qorti tara element qawwi ta' kontradizzjoni bejn li l-impjegat jigi *reinstated* u fl-istess ħin jitlef iktar minn erba' snin telf ta' paga.

16. It-Tribunal naqas milli jissostanzja d-deċiżjoni li r-rikorrent jitqies sospiż għall-perjodu ta' iktar minn erba' snin bla paga. Din il-parti tad-deċiżjoni kellha tkun motivata aħjar. Il-qorti tistaqsi wkoll, x'proporzjon hemm bejn in-nuqqas li wettaq l-impjegat u l-miżura ħarxa mposta li l-impjegat jitlef iktar minn erba' snin paga? In-nuqqas ta' motivazzjoni twassal għal stat ta' inċertezza, u dan m'għandux ikun.

17. Fil-fehma tal-qorti l-istess għandha tkun motivata d-deċiżjoni ta' *reinstament*, iktar u iktar meta tqies li skond l-artikolu 81(1) tali ordni għandha tingħata fejn it-Tribunal iqies li deċiżjoni bħal dik tkun *'prattikabbli'.* Deċiżjoni li tista' tasal għaliha biss wara li jsir *fact finding exercise* mit-Tribunal biex jiddetermina kemm hu prattikkabbli li l-impjegat jerġa' jidħol fl-impieg li kellu. Il-qorti ma tarax kif per eżempju tista' tittieħed deċiżjoni simili mingħajr ma jiġi eżaminat per eżempju x'*vacancies* għandu l-prinċipal fil-kariga li kellu r-rikorrent, l-aspett ta' fiduċja reċiproka li għandu jkun hemm bejn il-prinċipal u impjegat. Għalhekk din hi kwistjoni ta' fatt li biex tingħata deċiżjoni dwarha trid issir riferenza għal dak li hu kapaċi li jitwettaq b'suċċess. Dan għandu jirriżulta mill-provi.

18. Dawn in-nuqqasijiet fid-deċiżjoni huma kollha punti ta' liġi.

19. Peress li bil-mod li ddeċieda t-Tribunbal l-ordni ta' *re-instatement* hi intrinsikament marbuta ma' dik ta' perjodu ta' sospensjoni mid-data ta' tkeċċija sad-data ta' deċiżjoni, il-qorti hi tal-fehma li l-uniku rimedju li jista' jingħata hu li dik il-parti tas-sentenza titħassar kollha u mhux kif jippretendi r-rikorrent li titħassar biss dik il-parti li tikkonċerna l-perjodu ta' sospensjoni.

20. Peress li din il-qorti għandha biss l-awtorita li tiddeċiedi dwar punti ta' liġi, mhuwiex il-kompitu tagħha li tagħti d-deċiżjoni dwar ir-rimedju li għandu jingħata r-rikorrent. Għalhekk minkejja li dan il-każ ilu issa b'kollox pendenti ghal sitt (6) snin, il-qorti hi kostretta li tibgħat l-atti lura quddiem it-Tribunal Industrijali.

**<u>Appell inċidentali</u>**.

21. L-aggravju tal-appellata hu li ġialadarba t-Tribunal Industrijali kkonkluda li, "…. *l-provi jindikaw li l-impjegat kien qed jirreġistra cycles aktar milli effettivament kien qed jagħmel"*, allura skont il-Ftehim Kollettiv kien fid-diskrezzjoni tal-prinċipal x'miżuri kellu jieħu fil-konfront tal-impjegat. Skont l-intimata, it-Tribunal ma kellu qatt jissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-prinċipal fin-natura ta' kastig li kellu jingħata l-impjegat.

22. Fil-Ftehim Kollettiv, sezzjoni Proċedura fiż-Żona ta' Produzzjoni jingħad:
*"L-impjegati kollha huma obbligati li jagħtu l-ammont korrett ta' bċejjeċ prodotti. In-nuqqas li wieħed jirrekordja jew qerq f'dak li jirrekordja (għal finijiet ta' ċarezza, li wieħed jirrekordja l-ammont korrett ta' bċejjeċ prodotti jinkludi li wieħed jirrekordja l-informazzjoni fis-sistema kompjuterizzata tal-kumpannija) iwassal għall-azzjoni dixxiplinarji, li tista' twassal għat-tkeċċija"*.

23. It-Tribunal ikkonkluda li:
    - Kien hemm biżżejjed provi sabiex il-*management* jibda proċeduri ta' dixxiplina kontra r-rikorrent;
    - Meta kkunsidra ż-żmien kollu li r-rikorrent kien ilu impjegat mal-kumpannija; li ma rriżultax li matul dak iż-żmien ir-rikorrent kellu każijiet oħra ta' dixxiplina; li l-intimata ma tatx prova tal-ammont ta' produzzjoni difettuża; li t-tkeċċija mhijiex tassattiva; it-terminazzjoni tal-impieg kienet miżura ħarxa u nġusta u kien hemm miżuri oħra li kienu inqas iebsin mit-terminazzjoni tal-impieg.

24. Kif rajna d-deċiżjoni ta' tkeċċija ttieħdet minn Louis Farrugia, direttur tal-kumpannija intimata. Fid-deċiżjoni datata 21 ta' Marzu, 2012 (fol. 8) jingħad, *"Il-każ tiegħek huwa serju ħafna. Niddikjara li l-impieg tiegħek mal-kumpannija Trelleborg Sealing Solutions Malta huwa terminat"*. Mid-deċiżjoni hu evidenti li kienet bażata **biss** fuq il-fatt li fit-2 ta' Frar, 2012 ir-rikorrent iddikjara li għamel 12 *cycle* iktar milli fil-fatt għamel. Fil-fatt ma tissemma l-ebda prova oħra li tikkorabora r-riżultat tad-*data logger*.

25. Mid-deċiżjoni hu wkoll evidenti li:-

i. L-prinċipal ma kkunsidrax li l-impjegat kien ilu jaħdem mas-soċjeta' intimata għal snin twal u qatt ma kienu ttieħdu passi dixxiplinari kontra tiegħu;
ii. M'hemmx prova li l-prodott finali kien difettuż;
iii. M'hemmx prova li dakinhar ir-rikorrent ma leħaqx it-*target* li kellu jagħmel;
iv. L-investigazzjoni kienet limitata fuq dak li rriżulta minn *data logger*. Ma jirriżultax li sar xi stħarriġ biex jiġi determinat x'kien per eżempju qiegħed jagħmel ir-rikorrent fis-sigħat twal li skont id-*data logger* il-magna ma kinitx qegħda titħaddem. Perjodu ferm twil ta' tmien (8) sigħat;

26. Hu minnu li t-Tribunal m'għandux jibbaża d-deċiżjoni tiegħu daqslieku kien il-prinċipal. Għalhekk l-eżerċizzju m'għandux ikun wieħed fejn it-Tribunal jiddetermina x'kien jagħmel hu li kieku kien il-prinċipal. Pero' hu d-dmir tat-Tribunal li jiddetermina r-raġonevolezza ta' tkeċċija minn aspett oġġettiv. Hu evidenti li t-Tribunal qies li l-intimata ma setgħetx tieħu deċiżjoni raġonevoli jekk ma tikkunsidrax ċirkostanzi oħra. Raġunament li din il-qorti taqbel miegħu. Il-fatt li l-Ftehim Kollettiv kien jipprovdi li mpjegat jista' jitkeċċa wara li jittieħdu passi dixxiplinari, ma jfissirx li dik kienet materja li ma setatx tiġi mistħarrġa fi proċeduri bħal dawn.

**Ghal dawn il-motivi:-**

1. **Tilqa' l-appell tar-rikorrent biss sa fejn kompatibbli ma' dak li ser jingħad, fis-sens li tħassar dik il-parti tas-sentenza li biha t-Tribunal ordna li r-rikorrent, *"... jigi moghti l-impieg lura fi żmien ħmistax il-ġurnata mid-data ta' din id-deċiżjoni u l-perjodu kollu li ilu barra mill-impieg għandu jitqies bla ħlas bħala miżura ta' dixxiplina"*. Tikkonferma l-kumplament tad-deċiżjoni, u tibgħat l-atti lura quddiem it-Tribunal Industrijali sabiex jagħti lir-rikorrent rimedju skont il-liġi talli tkeċċa inġustament mill-impieg. Spejjeż tal-appell a karigu tal-appellata.**

2. **Tiċħad l-appell inċidentali bl-ispejjeż kontra l-appellata.**

**Ir-Reġistratur għandu jieħu ħsieb sabiex minnufih jibgħat lura l-atti quddiem it-Tribunal Industrijali.**

Anthony Ellul.